MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru 25/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v**

**Gamil Abu Bakr**

**Il-Qorti :**

1. Dan hu appell imressaq mill-akkuzat Gamil Abu Bakr fejn talab li jithassru u jigu revokati l-verdett tal-gurati moghti fit-2 ta' Lulju 2009 kif ukoll is-sentenza tal-istess gurnata moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet

premessi, fejn kien dikjarat hati (b'seba' voti favur u wiehed kontra) skond l-Att ta' Akkuza migjub kontra tieghu u kkundannat ghal piena ta' seba' snin prigunerija, u li minflok huwa jigi dikjarat mhux hati skond l-Att ta' Akkuza migjub kontra tieghu u lliberat minn kull htija u piena. Alternattivament huwa talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tibdel il-piena nflitta ma' "wahda aktar gusta u ekwa li taghmel tajjeb fil-kaz". Alternattivament huwa talab ukoll li din il-Qorti takkolji l-ewwel eccezzjoni tieghu u tordna r-ritrattazzjoni tal-kaz quddiem il-Qorti Kriminali skond il-ligi.

2. Bl-Att tal-Akkuża fuq imsemmi, l-Avukat Generali akkuza lill-appellant, *recidiv f'delitt, hati talli bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex ighaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkongura f'dak is-sens ma' xi persuna ohra; b'dan li l-persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura, kienu ta' aktar minn tlieta; jitlob li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa ghoxrin sena u ghal multa ta' ghaxart elef lira (Lm 10,000), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 337A, 23, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.*

3. Fit-2 ta' Lulju 2009, il-Qorti Kriminali tat is-sentenza tagħha fejn, wara li ddikjarat lill-akkuzat hati skond l-Att tal-Akkuza skond il-verdett tal-gurati, wara li ghamlet ghadd ta' konsiderazzjonijiet dwar il-piena, u wara li qieset l-artikoli 337A(1), 23, 31(1)(b)(iv)(v)(vi), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-akkuzat ghal piena ta' **seba' (7) snin prigunerija**, b'dana li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, kif ukoll **li**

**jhallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmi (€488.38) import ta' l-ispejjez tal-perizji**; inoltre ordnat il-konfiska taz-zewg "speedboats", esebiti formalment quddiem il-Qorti fil-process, favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza dawn ghandhom jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

4. Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kriminali qalet *inter alia* hekk :

*"Qieset li l-piena ghar-reat li tieghu nstab hati Gamil Abu Bakr hija dik ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' €23,292.73 jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

*"Pero`peress li f'dan il-kaz jikkoncerna ghadd ta' persuni mghejjuna li kienu aktar minn tlieta l-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tliet gradi. Ghalhekk f'dan il-kaz mill-piena massima ta' hames snin prigunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b)(iii)(iv)(v), il-piena massima titla' addirittura ghal wahda ta' tnax-il sena prigunerija u ladarba l-akkuzat instab hati tal-addebitu tar-recidiva, tali piena massima tista' tizdied bi grad wiehed iehor sa ghoxrin sena prigunerija skond l-artikolu 31(b)(ii).*

*"Qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-abbli difensur Dr. R. Montalto, li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.*

*"Qieset dak li qalet l-abbli prosekutrici Dr. L. Lanfranco illi jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni.*

*"Ikkonsidrat li, kif issottometta l-abbli difensur, f'dan il-kaz irrizulta li kien hemm biss persuna wahda in eccess ghan-numru ta' tlieta li gew mghejjuna mill-hati biex jaharbu minn Malta u dan l-eccess marginali ghalhekk ghandu jwassal biex din il-Qorti zzid il-piena biss bi grad*

*wiehed mandatorju fuq piena ordinarja massima ta' hames snin prigunerija.*

*"Din il-Qorti qed takkolji din is-sottomissjoni u ghalhekk il-piena massima biz-zieda ta' grad minhabba r-recidiva tkun ghalhekk biss wahda ta' disa' snin prigunerija.*

*"Ikkonsidrat mill-banda l-ohra l-gravita' ta' dan ir-reat fil-kontest li l-Gzejjer Maltin qed iservu bhala mezz ta' transitu mill-Afrika ta' Fuq u pajjizi ohra ghall-pajjizi ohra fit-tramuntana ta' dawn il-Gzejjer bil-perikoli kemm ghall-persuni traffikati nnifishom kif ukoll ghat-tessut socjali u ekonomiku u ghas-sigurta' nazzjonali ta' dawn il-Gzejjer u ghalhekk dawn il-Qrati ghandhom jiehdu veduta serja ta' reati simili fil-parametri tad-diskrezzjoni lilhom moghtija mil-legislatur, bil-ghan li jkun hemm deterrent ghall-prattici llegali simili.*

*"Rat illi din mhux l-ewwel darba li l-hati kiser difrejh mal-ligi kemm ilu li gie hawn Malta mis-Sudan u stabilixxa ruhu f'dawn il-Gzejjer u dan il-fattur irid jitqies ukoll fl-ikkalibrar tal-piena."*

5. B'rikors li huwa ressaq fit-23 ta' Lulju 2009, l-akkuzat appella minn din is-sentenza u qanqal zewg aggravji :

(A) illi fil-kors tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti sehhet irregolarita` kif ukoll interpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett ;

(B) illi minghajr pregudizzju, il-piena nflitta kienet wahda eccessiva u gravuza tenut kont tal-fattispecje tal-kaz.

5.A. <u>L-Ewwel Aggravju</u>

Fil-qosor, l-appellant sostna dan l-aggravju kif gej –

(i) L-Ewwel Qorti ma setghetx tichad l-oggezzjoni tieghu li x-xiehda tal-erba’ persuni Indjani waqt il-kumpilazzjoni ma tinqarax lill-gurati minflok xehdu *viva voce* stante li dik ix-xiehda kienet inammissibbli ladarba l-procedura adottata mill-Qorti Istruttorja kienet nulla anke fejn jirrigwarda t-traskrizzjoni tax-xiehda.

(ii) Din l-oggezzjoni ghal tali qari saret qabel l-akkuzat wiegeb ghall-Att tal-Akkuza u wara li sar jaf li l-erba’ persuni koncernati kienu assenti minn dawn il-Gzejjer.

(iii) L-oggezzjoni tieghu kienet fondata fuq il-fatt li dawk id-deposizzjonijiet ittiehdu bl-Ingliz jew ahjar bl-Indjan tradott ghall-Ingliz mentri l-proceduri qed jigu kondotti bil-Malti.

(iv) Sabiex il-procedura tkun regolari, ix-xiehda *viva voce* tal-erba’ persuni koncernati quddiem il-Qorti Istruttorja kellha tkun tradotta ghall-Malti u mhux ghall-Ingliz, kif effettivament gara.

(v) Ladarba l-procedura kienet nulla, ma setghux jigu inseriti fl-atti tal-kumpilazzjoni traduzzjonijiet bil-Malti ta’ dik ix-xiehda.

(vi) Ghalhekk il-gurati kienu presentati bi provi inammissibbli skond il-ligi li kellhom influwenza fuq il-verdett.

(vii) Il-Qorti Istruttorja ma tat l-ebda ordni sabiex il-proceduri quddiemha jitmexxew bl-Ingliz.

Din il-Qorti tghid li dan l-aggravju huwa insostenibbli.

Il-fatti kienu dawn : Il-proceduri fl-istadji kollha kienu kondotti bl-ilsien Malti skond l-Art.516 tal-Kap.9 Quddiem

il-Qorti Istruttorja, il-Prosekuzzjoni riedet tipproduci bhala xhieda persuni li kienu Indjani tal-Punjab u li kienu jitkellmu bil-Punjabi. Billi ma kienx disponibbli interpretu li jaqleb id-deposizzjoni tax-xiehda direttament mill-Punjabi ghall-Malti u vice-versa, il-Qorti hatret interpretu sabiex jaqleb id-deposizzjoni ta’ kull xhud mill-Punjabi ghall-Ingliz u vice-versa. Il-Qorti Istruttorja kienet konfortata mill-fatt li rrizulta fi stadju bikri tal-proceduri u cioe`sa mill-udjenza tad-19 ta’ Dicembru 2005 (fol 6) [meta xehed l-ewwel xhud] li l-imputat kien jifhem bil-lingwa Ingliza kif hekk iddikjara fil-presenza tal-avukat difensur tieghu. Meta fl-udjenza tat-2 ta’ Marzu 2006 (fol 74 et seq), xehdu aktar persuni, l-istess interpretu rega’ nhatar biex jaqleb id-deposizzjonijiet mill-Punjabi ghall-Ingliz u vice-versa. Naturalment f’dik l-udjenza ma kienx hemm il-htiega ta’ verbal iehor li l-akkuzat jiddikjara li jifhem il-lingwa Ingliza ghaliex kien diga’ hekk iddikjara fl-udjenza tad-19 ta’ Dicembru 2005. Anke l-kontro-ezami tal-persuni koncernati sar bl-Ingliz. Id-deposizzjoni tax-xhieda mill-Punjab kienet traskritta bl-Ingliz u cioe` kif effettivament giet tradotta mit-traduttur, u hekk kienet inserita fl-atti. Pero` traduzzjoni tad-deposizzjonijiet mill-Ingliz ghall-Malti saret mill-Avukat Dottor Daniela Mangion wara li din kienet mahtura ghal dan l-iskop mill-Qorti Istruttorja fl-udjenza tat-18 ta’ Jannar 2007 (fol 276); u dawk it-traduzzjonijiet bil-Malti dahlu fl-atti minn fol 280 sa fol 299. F’ebda stadju quddiem il-Qorti Istruttorja, u lanqas fl-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali ma kienet registrata xi forma ta’ opposizzjoni jew eccezzjoni min-naha tad-difiza ghall-procedura kif kondotta mill-Qorti Istruttorja. In partikolari ma tressqet l-ebda eccezzjoni dwar inammissibilita’ ta’ provi skond l-Art.438(2)(i) tal-Kap.9. L-ewwel darba li saret opposizzjoni kienet quddiem il-Qorti Kriminali meta l-Qorti Kriminali kienet giet infurmata li x-xhieda Indjani kienu jinsabu msefrin u l-Qorti ordnat li tinqara x-xiehda taghhom ossia deposizzjonijiet taghhom. Dan sar qabel l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati skond l-Att ta’ Akkuza.

Fl-Artikolu 3 tal-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu ta’ Ilsien Ingliz) [Kap.189 tal-Ligijiet ta’ Malta], liema

artikolu jittratta dwar proceduri f'Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali, insibu fis-subinciz (e) hekk –

"*Meta ghandha tigi miktuba d-deposizzjoni tax-xhieda, din ghandha tigi miktuba bil-Malti, hlief meta tinghata bl-Ingliz, f'liema kaz ghandha tigi miktuba bl-Ingliz :*

"*Izda meta d-deposizzjoni tigi miktuba bl-Ingliz fi proceduri li jsiru bl-ilsien Malti jew bil-Malti fi proceduri li jsiru bl-Ingliz, ghandha titqieghed mir-registratur fl-inkartament kemm jista' jkun malajr traduzzjoni ta' dik id-deposizzjoni fl-ilsien li bih ikunu qed isiru l-proceduri.*"

Meta din il-Qorti kkunsidrat l-aggravju tal-appellant, fil-kuntest ta' dak li jipprovdu l-Art. 516(1) u (2) tal-Kap. 9 u s-subinciz (e) tal-Art. 3 tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis bhala nfondata l-pretensjoni ta' nullita` sollevata f'dak l-aggravju u tikkonferma d-digriet tal-Qorti Kriminali moghti fit-30 ta' Gunju 2009 meta cahdet l-oggezzjoni tal-akkuzat li tinqara x-xiehda tal-persuni mill-Punjab li kienu xehdu quddiem il-Qorti Istruttorja u li fid-data tal-guri rrizulta li kienu msefrin.

Din il-Qorti tghid dan ghaliex il-Qorti Istruttorja kellha kull dritt, anke meta l-proceduri kienu kondotti bil-Malti, li taccetta li t-traduzzjoni tad-deposizzjoni tax-xhieda mill-Punjab issir u tinkiteb bl-Ingliz ladarba ma setghetx issir traduzzjoni diretta mill-Punjabi ghall-Malti, u meta f'dan il-kaz l-akkuzat iddikjara li kien jifhem il-lingwa Ingliza u meta, di piu', traduzzjoni tax-xiehda mill-Ingliz ghall-Malti kienet debitament inserita fl-atti. Il-Qorti Istruttorja ma kellhiex ghalfejn tordna li l-proceduri jsiru bl-Ingliz sabiex tassikura r-regolarita'; anzi din il-Qorti zzid tghid li stante li l-akkuzat kien jaf kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz, il-Qorti Istruttorja kellha bil-fors tordna li l-proceduri jsiru bil-Malti. Inoltre din il-Qorti hija sodisfatta li l-Qorti Istruttorja kienet korretta fl-osservanza tal-Artikolu 391 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha (Sede Inferjuri) moghtija fl-10 ta' Settembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Andriy Petrovych Pashkov"** fejn *inter alia* jinghad hekk –

***" … wiehed irid jirrikonoxxi li jistghu jinqalghu sitwazzjonijiet fejn interpretu mil-lingwa Maltija ghal dik li biha jkun jitkellem l-imputat jew l-akkuzat (jew, bhal f'dan il-kaz, l-estradant) ma jkunx disponibbli, mentri jkun disponibbli persuna li tkun taf dik il-lingwa barranija kif ukoll l-Ingliz u ghalhekk tkun tista' tinterpreta mill-Ingliz ghal dik il-lingwa barranija u vice-versa. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, il-procedura addottata mill-Qorti Rimandanti la twassal ghal xi nullita` u lanqas ghal xi inammissibilita` ta' deposizzjonijiet moghtija quddiemha, kif qed jippretendi l-appellant."***

Għalhekk din il-Qorti qed tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

5.B. It-Tieni Aggravju

In sostenn ta' dan l-aggravju, l-appellant irrileva li fil-kawzi **"Il-Pulizija v Peter Borg"** u **"Il-Pulizija v Doris Montebello"** decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2009 fejn kienu trattati l-istess akkuzi izda fejn il-fatti, skond l-appellant, kienu aktar gravuzi minn dawk tal-kaz in ezami, il-piena hemm inflitta kienet ta' tliet snin u sena prigunerija liz-zewg akkuzati rispettivament F'dak il-kaz il-persuni li kienu sejrin barra llegalment kienu hamsa u ghoxrin waqt li fil-kaz tal-lum il-persuni kienu biss erbgha. Minkejja dan l-appellant odjern kien kundannat seba' snin prigunerija. Ghalhekk – dejjem skond l-appellant - il-piena kienet sproporzjonata. L-ordni pubbliku, skond l-appellant, kien jibqa' mhares xorta bl-ghoti ta' piena anqas iebsa.

Din il-Qorti tghid li dan l-aggravju huwa insostenibbli.

Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta v Carmen Butler" :**

**" …** ***il-Qorti tal-Appell, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, 'sentencing is an art rather than a science' u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit- tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor."***

Huwa evidenti mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti meta giet biex taghti l-piena hadet in konsiderazzjoni dak kollu li kellha u li setghet tiehu in konsiderazzjoni. Il-fatt li l-appellant mhux sodisfatt bil-piena erogata ma jfissirx li dik il-piena ma kenitx gusta fic-cirkostanzi kollha u partikolari tal-kaz.

In kwantu ghall-kwistjoni ta' disparita` bejn is-sentenza appellata u s-sentenzi l-ohra citati mill-appellant, filwaqt li bhalma solitament jinghad il-paraguni huma odjuzi – anke ghaliex ic-cirkostanzi fil-kazijiet citati kienu differenti – bhalma ntqal f' ***R. vs Large*** [3 Cr. App. R. (S) 80, C.A.] dwar il-kwistjoni ta' disparita' f'sentenzi **(Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001)** (para. 5-174, p.571) :

**"The Court will not make comparisions with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant."**

Difatti :

**"The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders <u>involved in the same case</u> irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."** (sottolinear ta' din il-Qorti)

It-test f'***Fawcett*** hu f'dan is-sens :

**"Would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice ? (per *Lawton L.J.* in *<u>R vs Fawcett</u>* , 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A.)"**

Fil-kaz in ezami, il-piena ghar-reat ghax irrizulta li l-assistiti kienu <u>erba'</u> persuni, kienet tizdied bi grad wiehed sa tliet gradi u ghalhekk il-parametri tal-piena kienu jaslu minn perijodu minimu ta' prigunerija ta' seba' xhur sa massimu ta' tnax-il sena. Irrizultat pruvata r-recidiva skond l-Art.50 tal-Kap.9, u ghalhekk il-piena mbaghad setghet tizdied bi grad iehor sa massimu ta' ghoxrin sena prigunerija. Minkejja dan il-Qorti Kriminali nfliggiet piena ta' seba' snin prigunerija. Din il-Qorti tinnota li l-akkuzat fl-ebda waqt ma jallega li l-piena li ngħata kienet tmur oltre l-parametri stabbiliti mil-ligi. U ma setax ikun mod iehor għaliex il-piena mogħtija taqa' sewwa f'dawk il-parametri. Din il-Qorti ma ssib l-ebda fattur jew cirkostanza li twassalha biex tibdel dik il-piena. Specifikament ghall-kaz odjern, din il-Qorti trid tghid li fl-ghoti tal-piena, l-ewwel Qorti kienet gusta u ekwa. Hija accettat is-sottomissjoni tal-akkuzat <u>stess</u> li f'dan il-kaz irrizulta li kien hemm <u>biss</u> persuna wahda in eccess tan-numru ta' tlieta (li tghid il-ligi) u li kienu assistiti mill-akkuzat biex jaharbu minn Malta u li dak il-fatt kellu jinghata konsiderazzjoni. Kien propju

dak l-eccess marginali li wassal biex l-ewwel Qorti zzid il-piena marginalment fuq piena massima originali ta' hames snin prigunerija. Dan apparti l-fatt pruvat tar-recidiva. Ghalhekk, anke wara li qieset l-argumenti li ressaq l-appellant fir-rikors tal-appell, u kif esposti ulterjorment fit-trattazzjoni bil-fomm, din il-Qorti ma tistax tara fejn il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti tista' frankament titqies bhala eccessiva u gravuza fil-konfront tal-akkuzat. Minbarra dan, din il-Qorti taghmilha cara li hija tikkondividi pjenament il-hsieb tal-Qorti Kriminali dwar il-gravita' tar-reat li tieghu l-appellant instab hati, gravita` li hija accentwata mhux biss minhabba l-perikoli ghall-istess persuni li jkunu qed jigu traffikati, izda wkoll minhabba l-problemi ta' sigurta`, kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali, li t-traffikar tal-persuni jimporta.

Għalhekk il-Qorti tichad anke t-tieni aggravju tal-appellant.

**Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-ispejjez peritali jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------